Parlament Ewropew
2024-2029

Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
Il-President

8.9.2025

Is-Sur Johan Van Overtveldt
Il-President
Kumitat għall-Baġits
BRUSSELL

Suġġett: Opinjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati wara applikazzjoni mill-Ġermanja – EGF/2025/002 DE/Goodyear 2 (2025/0245(BUD))

Is-Sur President,

Skont il-proċedura inkwistjoni, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali ngħata l-istruzzjoni li jippreżenta opinjoni lill-Kumitat tiegħek. Fil-laqgħa tiegħu tat-2 ta' Settembru 2025, iddeċieda li jibgħat din l-opinjoni fil-forma ta' ittra.

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali eżamina l-kwistjoni waqt il-laqgħa tiegħu tat-8 ta' Settembru 2025. Matul din il-laqgħa, iddeċieda li jippreżenta lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, l-opinjoni li tidher hawn taħt.

Dejjem tiegħek,

Li Andersson

OPINJONI

A. Billi, fl-10 ta' Marzu 2025, il-Ġermanja ppreżentat applikazzjoni biex timmobilizza l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni għall-Ħaddiema Ssensjati (FEG) f'konformità mal-Artikolu 8(1) tar-Regolament (UE) 2021/691 (ir-Regolament dwar il-FEG), wara sensji f'Goodyear (Goodyear Germany GmbH) fil-Ġermanja; billi l-intrapriża operat fis-settur ekonomiku kklassifikat fid-Diviżjoni 22 tan-NACE Reviżjoni 2 (Manifattura ta' prodotti tal-lastku u tal-plastik); billi s-sensji jinsabu fir-reġjuni NUTS 2 ta' Kassel (DE73) u Darmstadt (DE71), u jikkonċernaw is-sensji tal-ħaddiema fis-siti tal-produzzjoni ta' Goodyear f'Fulda u f'Hanau;

B. Billi l-Ġermanja ppreżentat l-applikazzjoni skont il-kriterji ta' intervent tal-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament (UE) 2021/691, li jirrikjedi l-waqfien tal-attività ta' mill-inqas 200 ħaddiem issensjat fuq perjodu ta' referenza ta' erba' xhur (f'dan il-każ mill-1 ta' Settembru sal-1 ta' Jannar 2025) f'intrapriża fi Stat Membru, inklużi ħaddiema ssensjati f'intrapriżi ta' fornituri u produtturi downstream u/jew persuni li jaħdmu għal rashom li l-attività tagħhom tkun waqfet; billi, wara l-valutazzjoni tagħha ta' din l-applikazzjoni, il-Kummissjoni kkonkludiet, f'konformità mad-dispożizzjonijiet kollha applikabbli tar-Regolament dwar il-FEG, li l-kundizzjonijiet għall-għoti ta' kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG ġew issodisfati;

C. Billi l-applikazzjoni hija relatata mal-1 171 ħaddiem issensjat li l-attività tagħhom waqfet;

D. Billi fis-26 ta' Awwissu 2025, il-Kummissjoni ppreżentat proposta għal deċiżjoni dwar il-mobilizzazzjoni tal-FEG favur il-Ġermanja biex tappoġġja l-integrazzjoni mill-ġdid fis-suq tax-xogħol ta' 915-il benefiċjarju fil-mira lill-Parlament u lill-Kunsill;

E. Billi l-eventi li wasslu għal dawn is-sensji huma l-għeluq ta' wieħed mis-siti tal-produzzjoni ta' Goodyear fil-Ġermanja u l-għeluq parzjali ta' ieħor, it-tnejn minħabba l-globalizzazzjoni; billi Goodyear Tire & Rubber Company hija waħda mill-manifatturi tat-tajers ewlenin fid-dinja u l-kwartieri ġenerali Ġermaniżi tagħha jinsabu f'Hanau; billi fi tmiem l-2017, Goodyear kellha tagħlaq is-sit tal-produzzjoni tagħha f'Philippsburg, li kien is-soġġett tal-applikazzjoni tal-FEG EGF/2017/008 DE/Goodyear; billi bħala parti minn proċess ta' ristrutturar ulterjuri, l-applikazzjoni attwali ssegwi l-għeluq tas-sit tal-produzzjoni f'Fulda, u l-għeluq parzjali tal-faċilitajiet tal-produzzjoni f'Hanau; billi impjanti oħrajn fil-Ġermanja jinsabu f'Fürstenwalde, f'Wittlich u f'Riesa; billi t-tnaqqis rapidu fid-domanda fis-settur tat-tajers, flimkien mal-pressjoni qawwija minn importazzjonijiet irħas mill-Asja u ż-żidiet kontinwi fil-kostijiet (l-enerġija, il-pagi) wasslu għal kapaċità strutturali żejda, b'mod partikolari fil-Ġermanja; billi għalhekk, f'Ġunju 2024, Goodyear iddeċidiet li twaqqaf il-produzzjoni fis-sit ta' Fulda, li wassal għall-għeluq ta' dan is-sit, u li tnaqqas il-persunal f'siti oħra, b'mod partikolari f'Hanau;

F. Billi l-Kummissjoni saħqet li se tkun sfida tremenda għall-biċċa l-kbira tal-ħaddiema tal-Goodyear biex isibu impjieg ġdid u se tirrikjedi azzjoni sinifikanti, billi f'ħafna każijiet, il-kwalifiki tagħhom m'għadhomx rilevanti, u l-profili tal-ħiliet konvenzjonali tax-xogħol tal-lasktu ta' dawn il-ħaddiema mhumiex allinjati mal-ħtiġijiet ta' impjieg fir-reġjuni kkonċernati;

H. Billi l-Ġermanja indikat li ġie konkluż ftehim ta’ ħidma bejn l-impjegatur u l-kunsill tax-xogħol fl-24 ta’ Ġunju 2024 biex tiġi stabbilita kumpanija ta’ trasferiment; billi skont l-awtoritajiet Ġermaniżi, ma hemm l-ebda obbligu min-naħa tal-intrapriża li tat is-sensji li toħloq jew li tikkontribwixxi għall-ħolqien ta’ kumpanija ta’ trasferiment; billi mingħajr il-parteċipazzjoni tal-intrapriża li tat is-sensji, ma tiġi stabbilita l-ebda kumpanija ta’ trasferiment; billi, madankollu, jekk l-intrapriża li tkun tat is-sensji toffri li tipparteċipa, u jekk is-sħab soċjali jaqblu fuq il-ħolqien ta’ kumpanija ta’ trasferiment, il-liġi soċjali Ġermaniża tistabbilixxi l-qafas legali; billi d-dħul f’dawn il-kumpaniji ta’ trasferiment iseħħ f’diversi fażijiet, abbażi tal-ftehimiet tripartiti ffirmati bejn Goodyear Germany GmbH, l-impjegati, u PMB International GmbH, il-fornitur tas-servizzi magħżul għall-ġestjoni tal-kumpanija ta’ trasferiment;

I. Billi l-FEG ma għandux jaqbeż ammont annwali massimu ta’ EUR 30 miljun (prezzijiet tal-2018), kif stabbilit fl-Artikolu 8 tar-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2020/2093 tas-17 ta’ Diċembru 2020 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin mill-2021 sal-2027 emendat bir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) 2024/765 tad-29 ta’ Frar 2024.

Għalhekk, il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Ifakkar li l-objettiv tal-FEG huwa li juri solidarjetà mal-benefiċjarji, u li jagħtihom appoġġ; iqis li l-kontribuzzjonijiet finanzjarji mill-FEG għandhom ikunu diretti primarjament lejn miżuri attivi tal-politika tas-suq tax-xogħol u servizzi personalizzati li għandhom l-għan li jintegraw mill-ġdid malajr lill-benefiċjarji f’impjieg deċenti u sostenibbli fis-settur tal-attività inizjali tagħhom jew barra minnu; jisħaq fuq l-importanza li l-ħaddiema jitħejjew u jingħataw appoġġ għat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali meħtieġa b’mod urġenti tal-ekonomija u tas-soċjetà Ewropej; itenni, f’dan il-kuntest, ir-rwol importanti li għandha l-Unjoni, inkluż permezz tal-FEG, li tikkontribwixxi għall-finanzjament tal-kwalifiki meħtieġa għat-tranżizzjoni ġusta f’konformità mal-Patt Ekoloġiku Ewropew;

2. Jaqbel mal-Kummissjoni li l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 4(2), il-punt (a), tar-Regolament dwar il-FEG huma ssodisfati u li l-Ġermanja hija intitolata għal kontribuzzjoni finanzjarja ta’ EUR 3 085 166 skont dak ir-Regolament, somma li tirrappreżenta 60 % tal-ispiża totali ta’ EUR 5 141 944, liema spiża tinkludi n-nefqa għal servizzi personalizzati ta’ EUR 4 936 274 u n-nefqa għal attivitajiet ta’ tħejjija, ta’ ġestjoni, ta’ informazzjoni u ta’ pubbliċità, ta’ kontroll u ta’ rapportar ta’ EUR 205 670;

3. Jinnota li l-ħaddiema b’livell baxx ta’ ħiliet u l-ħaddiema akbar fl-età għandhom ħafna anqas opportunitajiet biex jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol fir-reġjun u li s-sensji f’Goodyear laqtu l-aktar lil dawn il-gruppi vulnerabbli; ifakkar fil-profil tal-ħaddiema ssensjati, b’aktar minn tnejn minn kull ħames ħaddiema ssensjati għandhom aktar minn 50 sena u aktar minn nofs għandhom edukazzjoni ta’ livell sekondarju jew anqas, u ħiliet li m’għadhomx rilevanti, u jqis li, flimkien max-xejra ’l isfel fil-postijiet vakanti u d-distribuzzjoni ġeografika tagħha, il-ħaddiema se jeħtieġu appoġġ addizzjonali mfassal apposta, b’mod partikolari assistenza mmirata li tiffoka fuq it-titjib tal-ħiliet u t-taħriġ mill-ġdid, biex tgħinhom jirnexxu fit-tranżizzjoni lejn l-impjieg;

4. Jinnota li mill-20 ta’ Frar 2025, ġew konklużi total ta’ 915 kuntratt tripartitiku bejn Goodyear, l-impjegati, u PMB International GmbH, il-fornitur tas-servizz magħżul għall-ġestjoni tal-kumpanija ta’ trasferiment, b’781 entrata skedati għal Fulda u 134 għal Hanau; jilqa’ l-indikazzjoni li dawn in-numri mistennija jiżdiedu hekk kif jiġu ffirmati aktar ftehimiet;

3. Jinnota l-fatt li l-Ġermanja pprovdiet l-assigurazzjonijiet kollha meħtieġa li l-prinċipji ta’ trattament ugwali u nondiskriminazzjoni se jiġu rispettati fl-aċċess għall-miżuri proposti u l-implimentazzjoni tagħhom, li r-rekwiżiti stabbiliti fil-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE dwar is-sensji kollettivi ġew rispettati, li Goodyear Germany GmbH, li kompliet bl-attivitajiet tagħha wara s-sensji, ikkonformat mal-obbligi legali tagħha u pprovdiet għall-ħaddiema tagħha kif xieraq, li kwalunkwe finanzjament doppju se jiġi evitat, u li l-kontribuzzjoni finanzjarja mill-FEG se tikkonforma mar-regoli proċedurali u materjali tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat;

5. Jisħaq li l-Ġermanja kkonfermat li l-miżuri appoġġjati mill-FEG mhu se jirċievu l-ebda kontribuzzjoni finanzjarja minn strumenti finanzjarji oħra tal-Unjoni;

6. Jinnota li s-servizzi personalizzati li għandhom jingħataw lill-ħaddiema jikkonsistu mill-miżuri li ġejjin: (a) miżuri ta’ titjib tal-ħiliet, (b) konsulenza ta’ gwida u miżuri ta’ orjentazzjoni/attivazzjoni vokazzjonali, (c) servizzi ta’ konsulenza dwar il-bidu ta’ negozju, (d) għotjiet għall-bidu ta’ negozju, (e) assistenza għat-tfittix ta’ impjieg, (f) inċentivi għat-titjib tal-ħiliet, (g) inċentivi ulterjuri (jiġifieri, bonus għall-bidu ta’ impjieg matul id-durata tal-kumpanija ta’ trasferiment, eċċ.), (h) allowance għat-taħriġ; jilqa’ l-fatt li t-taħriġ fil-ħiliet bażiċi diġitali (Digitale Grundqualifizierung) se jiġi offrut abbażi tal-għarfien individwali minn qabel; jisħaq li minħabba l-età u l-profil tal-edukazzjoni tal-benefiċjarji fil-mira, il-ħtiġijiet speċifiċi ta’ dawn il-gruppi għandhom jitqiesu meta jiġu pprovduti servizzi personalizzati;

7. Jisħaq b’mod partikolari fuq l-importanza tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament dwar il-FEG, li jirrikjedi li l-pakkett ikkoordinat jantiċipa l-perspettivi tas-suq tax-xogħol u l-ħiliet meħtieġa fil-futur, li jkunu kompatibbli mal-bidla lejn ekonomija effiċjenti fir-riżorsi u sostenibbli u jiffukaw b’mod partikolari fuq id-disseminazzjoni tal-ħiliet meħtieġa fl-era industrijali diġitali; jilqa’ l-fatt li t-taħriġ fl-ICT tal-pakkett u l-appoġġ addizzjonali previst fis-servizzi ta’ rikollokament jinkludu ħiliet ta’ dan it-tip, b’mod partikolari valutazzjoni tal-ħiliet diġitali u miżuri li jippermettu lill-ħaddiema jissellfu laptop, jirċievu taħriġ dwar kif jużawh u jiksbu tweġibiet għall-mistoqsijiet diġitali tagħhom;

8. Ifakkar fil-possibbiltà ta’ miżuri speċjali limitati fiż-żmien fil-pakkett ikkoordinat, inkluż, fost l-oħrajn, li jitħallsu l-allowances għall-indukrar tat-tfal, kif previst fl-Artikolu 7(2)(b) tar-Regolament dwar il-FEG biex tiġi ffaċilitata l-parteċipazzjoni tal-persuni li jkunu qed ifittxu impjieg fl-attivitajiet proposti.